**Qorti tal-Appell Kriminali**

**(Sede Superjuri)**

**S.T.O. Prim Imħallef Dr. Mark Chetcuti LL.D.**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Onor. Imħallef Dr.Giovanni M. Grixti LL.D.**

**Ammissjoni Numru: 5/2020**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs.**

**Michael John Muliett**

Illum l-04 ta' Mejju 2022

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra Michael John Muliett, ta' 50 sena bin Louis Muliett u Carmen nee Kerr imwieled il-Pieta nhar 14/08/1970 u residenti 114, Flat 2, Triq Biċċieni, Sqaq nru.5, Żabbar u detentur tat-karta tal-identita' 413270M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja talli f'dawn il-Gżejjer nhar l-4 ta' Settembru 2020 u fix-xhur ta' qabel:

i. Assoċja ruhu ma xi persuna jew persuni oħra f'dawn il-Gżejjer jew barra minn dawn il-gżejjer sabiex ibiegħ jew jitraffika f'dawn

il-gżejjer mediċina (kokaina), bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tat-Liġijiet ta' Malta jew ippromwova, ikkostitwixxa, organiżża jew iffinanzja tali assoċjazzjoni;

ii. Assoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni oħra f'dawn il-Gżejjer jew barra minn dawn il-gżejjer sabiex ibiegħ jew jittraffika f'dawn il-gżejjer mediċina (heroina), bi ksur fad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tat-Liġijiet ta' Malta jew ippromova, ikkostitwixxa, organiżża jew iffinanzja tali assoċjazzjoni;

iii. Irrenda ruħu kompliċi billi jkun xewwex lil ħaddieħor inkella saħħaħ il-volonta' tiegħu sabiex jagħmel id-delitt, jew wiegħed li wara l-fatt jassistieh, jieqaf miegħu jew jikkumpensah fl-importazzjoni, jew xjentement għen jew assista lil-awtur jew lill-awturi fl-importazzjoni tad-droga kokaina ġewwa Malta, bi ksur tal-artikolu 15A tal-Kap101 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Art 42(e) tal-Kap9 tal-Liġijiet ta' Malta;

iv. Irrenda ruhu kompliċi billi jkun xewwex lil ħaddieħor inkella saħħaħ il-volonta' tiegħu sabiex jagħmel id-delitt, jew wiegħed li wara l-fatt jassistieh, jieqaf miegħu jew jikkumpensah fl-importazzjoni, jew xjentement għen jew assista lil-awtur jew lill-awturi fl-importazzjoni tad-droga erojina ġewwa Malta, bi ksur tal-artikolu 15A tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Art 42(e) tal-Kap9 tal-Liġijiet ta' Malta;

v. Importa, jew ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi haġa sabiex tiġi importata mediċina perikoluża (kokaina) f'Malta, bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta;

vi. Importa, jew ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi haġa sabiex tiġi importata mediċina perikoluża (erojina) f'Malta, bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap.101 tal-Liġijiet ta' Malta;

vii. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap101 tal-Liġijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta u mingħajr ma kien awtorizżat bir-Regoli tat-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizżazzjoni

għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-Ordinanza imsemmija u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizżat li jimmanifattura jew iforni d-droga imsemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regolamenti ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u dan bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

viii. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga erojina specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap101 tal-Liġijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta u mingħajr ma kien awtorizżat bir-Regoli tat-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-Ordinanza imsemmija u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizżat li jimmanifattura jew iforni d-droga imsemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regolamenti ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u dan bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

ix. Kellu fil-pussess tiegħu id-droga kokaina specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizżat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja tal-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kenitx għall-uzu esklussiv tiegħu;

x. Kellu fil-pussess tiegħu id-droga erojina specifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizżazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtoriżżat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja tal-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kienitx għall-użu esklussiv tiegħu;

xi. Talli, sabiex jikseb vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu jew għal ħaddieħor, xjentenent għamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta tagħrif falz, bi ksur tal-Artikolu 188 et seq tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

xii. Irrenda ruhu reċediv al termini tal-artikoli 49 u 50 tat-Liġijiet ta' Malta, wara li ġie misjub ħati b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat il-verbal tas-06 ta' Settembru, 2020 reġistrat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fejn l-akkużat, allura imputat, Michael John Muliett ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, liema ammissjoni kienet minnu kkonfermata wara li dik l-Qorti tatu żmien biżżejjed biex jirrikonsidra l-istess.

Rat l-ordni tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja kif reġistrat fil-verbal tas-06 ta' Settembru 2020 li bih ai termini tal-artikolu 392B(1) tal-Kodiċi Kriminali, fid-dawl tal-ammissjoni reġistrata mill-akkużat ordnat li l-atti tal-kumpilazzjoni jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali u li r-Reġistratur ta' din il-Qorti jkun notifikat b'din l-ammissjoni.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali ppreżentata fir-reġistru tal-Qorti Kriminali fl-10 ta' Ottubru 2020 li biha ddikjara li *ai termini* tal-artikolu 392B(2) tal-Kap IX tal-Liġijiet ta' Malta, l-imputazzjonijiet kif addebitati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja u li għalihom l-imputat irreġistra l-ammissjoni, għandhom jitqiesu bħala Att ta' Akkuża għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-15 ta' Diċembru 2021 fejn, konsegwenti għall-ammissjoni tiegħu, il-Qorti sabet lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu, u wara li rat l-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 13, 14, 15, 15A, 16, 17, 18, 20, 22(1)(a)(d)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i) u l-proviso (aa), (A)(i), (3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22(A), 24A, 26 u 29 tal-Kapitolu 101 tal-Li[ijiet ta' Malta nonche' ir-Regolamenti 2, 4(a), 9 u 16 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 kif ukoll l-artikoli 17(b)(h), 23, 23A, 23B, 23C, 42(e), 49, 50 , 188, 392B, 492(1) u 533 tal-Kodiċi Kriminali, ikkundannat lil Michael John Muliett għal piena ta' erbatax-il sena u sitt xhur priġunerija flimkien ma' multa ta' erbgħin elf ewro (€40,000) li jekk ma titħallasx puntwalment tiġi konvertita fi priġunerija ai termini tal-artikolu 11 tal-Kodiċi Kriminali. A tenur tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali ikkundannat wkoll lil ħati iħallas is-sehem tiegħu mill-ispejjeż inkorsi f'dan il-każ fl-ammont ta' sebat elef tliet mija u dsatax-il ewro u disgħin centeżmu (€7319.90) Ordnat wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat, nonche' il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli u mmobbli oħra tal-ħati. Finalment ordnat ukoll id-distruzzjoni tad-droga u l-affarijiet l-oħra li għandhom x'jaqsmu magħha u dan sakemm l-Avukat Ġenerali ma jiddikjarax, permezz ta' nota, li għandu bżonn dawn l-oġġetti fi proċeduri oħra li talvolta jistgħu ikunu pendenti kontra terzi.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Michael John Muliett ppreżentat fit-03 ta' Jannar 2022, fejn talab lil din l-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fil-parti tal-ħtija, tirrevoka u tħassar il-piena inflitta u minflok timponi piena aktar ekwa u ġusta fiċ-ċirkostanzi.

Rat ir-risposta ta'l-Avukat Ġenerali ppreżentata fit-2 ta' Frar 2022 fejn talab li l-appell ikun miċħud u s-sentenza appellata kkonfermata fl-intier tagħha.

Rat l-atti u id-dokumenti kollha, inklużi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

**1.** Illi dan l-appell jirrigwarda limitatament il-piena li ġiet imposta fuq l-appellant mill-Qorti Kriminali wara li hu ammetta għall-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu fit-termini tal-artikolu 392B tal-Kodiċi Kriminali. Fil-fehma tal-appellant, jeżistu fatturi li meta meqjusa lkoll flimkien, jimmilitaw favur temperament fil-piena. Dan għaliex, fl-opinjoni tiegħu bl-applikazzjoni favur tiegħu tal-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, fil-massimu, u ċioe' ta' riduzjoni b'żewġ gradi, l-piena erogata mill-Qorti Kriminali kienet waħda ferm għolja li allura ma qisitx il-koperazzjoni sħiħa tal-appellant mal-pulizija fl-investigazzjoni ta' dan il-każ konsistenti f'konġura kriminali bejn numru ta' nies bil-għan li tiġi traffikata d-droga, liema għajnuna wasslet għal prosekuzzjoni tal-imħuħ wara din l-imsemmija konġura. Kif fil-fehma tal-appellant il-Qorti Kriminali ma qisitx l-ammissjoni ferm bikrija minnu reġistrata mal-ewwel seduta meta kien imressaq bl-arrest fil-qorti, u wkoll il-karattru suxxettibbli tal-appellant li wassal biex huwa ċeda għal pressjoni li kienet qed issir fuqu mit-traffikanti veri u proprji, u allura spiċċa involva ruħu fil-kummissjoni tar-reati lilu addebitati, għal liema involviment huwa ma għamel ebda qligħ finanzjarju u materjali.

**2.** Illi din il-Qorti, fil-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji imqanqla mill-appellant, trid titlaq mill-premessa spiss affermata mill-qrati tagħna meta *si tratta* ta' appelli minn piena mogħtija wara ammissjoni mill-persuna akkużata, illi dik il-piena ma għandhiex tigi ddisturbata sakemm din tkun

tirrientra fil-limiti li tippreffiġġi l-liġi. "Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qiegħed jassumi r-responsabilita` tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għal kull deċiżjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal għaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti, u Qrati oħra ta' appell, ma jidħlux f'eżami akkurat taċ-ċirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kinitx eċċessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat. In oltre l-ġurisprudenza tagħna wkoll tindika li m'hemm assolutament l-ebda garanzija jew obbligu fuq l-ġudikant sedenti li l-piena fil-konfront tal-akkużat li jkun ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu tiġi mnaqqsa għas-sempliċi fatt li hu jkun ammetta, dment dejjem li l-piena mposta tkun fil-parametri tal-liġi."[1]

**3.** Issa minn eżami tal-atti jirriżulta illi l-appellant għogbu jammetti għall-imputazzjonijiet kollha lilu addebitati quddiem il-Qorti Istruttorja u dan fit-termini tal-artikolu 392B tal-Kodiċi Kriminali. Illi din l-ammissjoni kienet riaffermata mill-appellant quddiem dik il-Qorti u dan wara li ngħata żmien xieraq biex jirrikonsidraha, u mwissi bl-aktar mod solenni dwar il-konsegwenzi ta' din id-dikjarazzjoni kif jitlob l-artikolu 392B tal-Kodiċi Kriminali. Minn hemm l-atti kienu rinvijati lil Avukat Ġenerali li, fit-termini ta'l-imsemmija disposizzjoni tal-liġi, ressaq nota quddiem il-Qorti Kriminali fejn iddikjara illi l-akkuża li saret quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja, u li għaliha ammetta l-akkużat, kellha titqies bħala Att t'Akkuża. Minn hawn il-funżjoni tal-Qorti Kriminali tkun unikament

[1] Ara fost oħrajn App. Inf. Il-Pulizija vs Omissis deċiż fit-23.01.13 (per Imħallef David Scicluna), App. Inf. Il-Pulizija vs Ryan Dimecch deċiż nhar l-4.11.2004, (per Imħallef Joe Galea Debono), App. Inf. Il-Pulizija vs Emanuel Magro deċiż nhar it-2.6.2004, (per Imħallef David Scicluna), App. Inf. Il-Pulizija vs Joseph Scerri deċiż nhar it-12.5.04 (per Imħallef David Scicluna), App. Inf. Il-Pulizija vs Salah Aldin M.bin Abdo Alslam deċiż nhar il-5.12.03 (per Imħallef Vincent Degaetano), App. Inf. Il-Pulizija vs Massimiliano Maurizio deċiż nhar it-13.11.03 (per Imħallef Joe Galea Debono), App. Inf. Il-Pulizja vs. Jeremy James Farrugia, deċiż nhar l-14.10.03 (per Imħallef Joe Galea Debono), App. Inf. Il-Pulizija vs Mark Mifsud deċiż nhar is-6.12.02 (per Imħallef Vincent Degaetano).

dik li teroga il-piena idoneja għaċ-ċirkostanzi tal-każ in segwitu għall-ammissjoni reġistrata mill-appellant, u allura l-funżjoni tagħha hija ċirkoskritta għal dak imfassal fis-sub-inċiz 4 għall-artikolu 392B u cioe' illi jew:

**"…. *ex officio*, jew wara talba mill-Avukat Ġenerali jew mill-akkużat, tisma' dawk il-provi li jidhrilha li huma rilevanti għall-fini ta' piena, u, wara li tisma' s-sottomissjonijiet dwar il-piena mill-Avukat Ġenerali u mill-akkużat, tgħaddi 'l quddiem biex tagħti lill-akkużat dik is-sentenza li għandha tingħata skont il-liġi kontra l-akkużat li jinsab ħati tar-reat."**

**4.** Illi in adempiment ta' din is-setgħa mogħtija lilha bil-liġi, il-Qorti Kriminali fil-fatt semgħet numru ta' xhieda, b'mod ewlieni lill-Uffiċjali Investigattivi li taw rendikont tal-kors li ħadu l-investigazzjonijiet tagħhom li wasslu għall-arrest tal-appellant u wkoll ikkonfermaw illi l-appellant offra l-assistenza tiegħu fl-investigazzjonijiet marbuta mal-konġura kriminali mertu ta' dawn il-proċeduri dwar importazzjoni u traffikar ta' droga, liema għajnuna wasslet għall-arrest tal-imħuħ wara din l-assoċjazzjoni delittwali, tant illi ddikjaraw illi seta' jkun applikat fil-konfront tal-appellant l-attenwanti fil-piena fil-massimu tiegħu kif imfassal fl-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Għal dan il-għan kienet ippreżentata ix-xiehda ġuramentata mogħtija mill-appellant quddiem l-Inkwirenti fit-termini ta'l-artikolu 30A tal-Kap.101 tal-Liġijiet ta'Malta. Illi l-Qorti Kriminali semgħet ukoll ix-xiehda tal-esperti nominati fl-*in genere*, liema inkjesta tinsab eżebita in atti, minn fejn jirriżulta illi fil-pussess tal-appellant instabet id-droga kokajina tal-piż totali ta' 2.2 kilogrammi b'purita ta' 95% u b'valur fuq is-suq stmat fl-ammont ta' €257,000, kif ukoll instabet id-droga erojina tal-piż totali ta' 250 grammi b'purita' ta' 41% u b'valur fuq is-suq stmat fl-ammont ta' €47,000[2]. Il-Qorti Kriminali finalment, fuq talba tal-appellant, ordnat li jitħejja *Pre-Sentencing Report* mill-Uffiċjal tal-*Probation*, liema rapport kien ippreżentat in atti mill-Uffiċjal

[2] Ara rapport espert Gilbert Mercieca a fols. 53 et seq tal-proċess

Marilyn Formosa fejn saret rakkomandazzjoni li l-appellant jirċevi l-għajnuna għal kondizzjonijiet psikoloġiċi li huwa afflitt minnhom.

5. Illi wara s-smigħ ta' dawn ix-xhieda u wara li semgħet is-sottomissjonijiet mill-partijiet u qieset sentenzi oħra in materja, il-Qorti Kriminali wasslet għas-segwenti deċiżjoni:

**" Li għalkemm il-piena għar-reati kollha ammessi mill-ħati għajr ħlief għall-ħdax u t-tnax il-imputazzjoni hija dik tal-priġunerija għall-għomor, l-Artikolu 492(1) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi illi meta f'xi stadju qabel jiġi ffurmat il-ġuri l-akkużat jammetti l-ħtija tiegħu u għal fatt li jiġi ammess mill-akkużat ikun hemm stabbilita l-piena għal priġunerija għall-għomor, il-Qorti tista', minflok il-piena msemmija, tagti l-piena ta' priġunerija għal żmien minn tnax il-sena sa erbgħin sena;**

**Illi inoltre skond il-proviso tal-artikolu 22(2)(a)(i)(aa) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta l-Qorti tkun tal-fehma li meta tqis l-eta' tal-ħati, il-kondotta ta' qabel tal-ħati, il-kwantita' tal-mediċina u x-xorta w l-kwantita' tat-tagħmir jew materjal, jekk ikun il-każ, involuti fir-reat u ċ-ċirkostanzi l-oħra kollha tar-reat, il-piena ta' priġunerija għall-għomor ma tkunx dik xierqa, f'każijiet bħal dawn il-Qorti tista' tikkundanna lill-persuna misjuba ħatja għall-priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn erba' snin iżda mhux iżjed minn tletin sena u multa ta' mhux inqas minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax-il elf, erba' mija u tmienja u sittin euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67)**

**Illi qieset li skond l-artikolu 22(3A)(d) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta reat kontra dik l-Ordinanza li dwaru persuna tkun instabet ħatja jkun xi wieħed mir-reati msemmija fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 24A, il-Qorti GĦANDHA tassattivament, b'żieda ma kull piena oħra fis-sentenza, <u>fuq talba tal-Prosekuzzjoni</u>, tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli jew immobbli tal-persuna hekk misjuba ħatja wkoll jekk il-proprjeta' immobbli minn meta jkun ġie akkużat tkun għaddiet għand terzi persuni, u anke jekk l-imsemmija flejjes, proprjetà mobbli jew proprjetà immobbli jkunu qegħdin f'xi post barra minn Malta. ...**

**Apparti minn hekk l-involviment tal-akkużat kien wieħed ċentrali għalbiex din il-konsenja ta' droga tinġieb f'Malta in kwantu kien involut fl-aspetti loġistiċi u ta' immaniġġjar ta' kif dawn iż-żewġ konsenji ta' droga jitwaslu f'Malta. Huwa jirriżulta li kien konxju ta' dak kollu li kien qiegħed jagħmel. Kien jaf li mhux qiegħed jagħmel negozju li huwa legali f'Malta. Kien konxju wkoll li dan ma kienx biss l-ewwel involviment tiegħu fl-assistenza li huwa kien jipprovdi lill-persuni l-oħra involuti f'dan is-sodalizju kriminali finalizzat għall-importazzjoni**

u traffikar ta' droga f'Malta. Li din ma kienetx l-ewwel darba li l-akkużat għen fit-twassil jew f'aspetti loġistiċi biex titwassal id-droga f'Malta jammettih hu stess fl-istqarrijiet tiegħu.

Iżda mill-banda l-oħra din il-Qorti ma tistax tagħlaq għajnejha għall-ġurisprudenza lokali li f'każijiet simili imponiet piena ta' priġunerija b'mod tassattiv. Inoltre huwa fatt magħruf li għalkemm dawn il-Qrati ma humiex marbuta b'regola ta' preċedent, mill-banda l-oħra meta jiġu biex jerogaw pieni huma jippruvaw kemm jista' jkun iżommu bejn wieħed u ieħor element ta' proporzjonalita bejn sentenza u oħra, naturalment dipendenti fuq il-fattispecie partikolari. Din il-Qorti rat xebh konsiderevoli f'dan il-każ ma każ ieħor imsemmi iżjed il-fuq ossija Ir-Repubblika ta' Malta vs. Joseph Borg u Joseph Sultana, nonche Ir-Repubblika ta' Malta vs. Darren Charles Desira. ....

Inoltre din il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li l-ammont ta' droga misjuba f'dan il-każ, partikolarment l-ammont ta' kokaina misjuba kien wieħed li jaqbeż iż-żewġ kilogrammi iżda l-purita kienet waħda għolja immens – 95% ta' sustanza kokaina misjuba f'dawn iż-żewġ kilogrammi u mitejn gramma misjuba. Dan jirrendi dan il-każ iżjed serju in kwantu minn dan l-ammont setgħu joħorġu għadd ferm akbar ta' dożi ta' kokajina fis-suq – kważi d-doppju ta' dak l-ammont. Fil-fatt dan il-każ jippreżenta ruħu iżjed serju minn dan il-profil mill-każ Ir-Repubblika ta' Malta vs. Xenofon Florakos deċiż minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-19 ta' Frar 2019 fejn l-akkużat f'dak il-każ kien ammetta l-ħtija tiegħu għar-reati t'assoċjazzjoni, importazzjoni u pussess kwalifikat tad-droga kokajina f'ammont ta' 3.2 kilogrammi iżda fejn l-ammont f'perċentwali ta' sustanza kokaina misjuba kienet ta' 55%. Fil-każ Florakos l-Avukat Ġenerali u l-akkużat kienu qablu fuq piena ta' tlettax il-sena u sitt xhur priġunerija flimkien ma multa ta' tletin elf euro (€30,000) bl-inklużjoni tal-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta kif indikat fid-deċide tas-sentenza nnifisha. Fil-każ ta' Muliett għalkemm l-ammont ta' sustanza misjuba kien jammonta għal 2.2 kilogrammi, l-ammont f'perċentwali ta' sustanza kokaina misjuba kienet ta' 95%, u għalhekk bħala proporzjon ta' kokaina tirriżulta li kienet għola konsiderevolment minn dik misjuba fil-każ Florakos.

Apparti minn hekk mill-istqarrijiet rilaxxjati mill-akkużat jirriżulta wkoll li dan il-każ ta' importazzjoni ta' droga ma kienx l-ewwel wieħed li fih kien involut hu personalment billi offra s-support u l-għinuna tiegħu lil terzi li skontu kienu l-imħuħ wara l-importazzjoni tad-droga kemm ta' din il-partita kif ukoll ta' partiti oħra li seħħew fil-passat. Fi ftit kliem għamilha aktar minn darba. Iżda meta nqabad, imbagħad ried jara kif itaffi l-ħsara li kienet saret. B'hekk iddeċieda li jikkopera mal-Pulizija, u sewwa għamel. Fil-fatt din il-Qorti sejra tagħti wkoll kont tal-fatt li l-Prosekuzzjoni, fil-persuna tal-Ispettur tal-Pulizija Justine

**Grech iddikjarat li l-akkużat kellu jibbenefika mill-applikazzjoni tal-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta b'mod mill-aktar sħiħ. Din il-Qorti għalhekk qegħda tapplika l-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta b'żewġ gradi grazzi għall-kollaborazzjoni tiegħu, wara l-fatt, mal-forzi tal-Ordni.**

**Illi f'dan il-każ, ir-reati kontestati fl-ewwel, it-tielet, il-ħames u d-disa' imputazzjonijiet servew bħala mezz biex isir ir-reat taħt is-seba' imputazzjoni, fil-waqt li r-reati kontestati fit-tieni, raba', sitt u għaxar imputazzjonijiet servew bħala mezz biex isir ir-reat taħt it-tminn imputazzjoni u b'hekk, għall-fini tal-piena għandha tingħata l-piena għal reat minnhom biss a tenur tal-artikolu 17(h) tal-Kodiċi Kriminali.**

**Mill-banda l-oħra l-akkużat ammetta wkoll għar-reat imsemmi fil-ħdax il-imputazzjoni nonche r-reċidiva fis-sensi tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali. Biss meta l-Qorti rat il-fedina penali tiegħu u qieset ukoll ir-raġuni għaliex huwa kien qiegħed jiġi addebitat bir-reċidiva f'dan il-każ (grazzi għal notament fuq il-fedina penali fejn jirriżulta li kien hemm multa li kienet imposta fuqu b'sentenza tas-27 ta' Novembru 2012 li kienet għadha mhux imħalsa sat-22 t'April 2015) din il-Qorti tqis li għandha teżerċita d-diskrezzjoni tagħha taħt l-artikolu 50 biex, tenut kont taċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, ma jżżidx il-piena bi grad skont l-imsemmi artikolu.**

**Iżda l-piena f'dan il-każ trid ukoll tirrifletti u tkun proporzjonata mar-responsabbilta tal-akkużat għall-azzjoni illegali kommessa u ammessa minnu. "**

**19.** Illi huwa indubitat illi l-Qorti Kriminali fissret bir-reqqa kollha l-mottivi li wassluha biex teroga il-piena ta' 14-il sena u 6 xhur priġunerija flimkien ma' multa ta' €40,000 fil-konfront tal-appellant, fejn ġew minnha applikati id-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 22(1)(aa) u 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta'Malta flimkien mal-artikoli 17(b) u (h), kif kien meħud in konsiderazzjoni id-dispost tal-artikolu 492(1) tal-Kodiċi Kriminali, u għalkemm misjub ħati tal-addebitu tar-reċidiva, l-Qorti Kriminali fid-diskrezzjoni tagħha għoġobha ma iżżidx l-piena ulterjorment.

**20**. Illi allura meta l-appellant ammetta għall-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu b'mod xjenti u liberu, u meta kien debitament legalment assistit, huwa assuma r-responsabbilita' għal dik id-dikjarazzjoni u wkoll

għal kull għemil kriminali minnu kommess kif addebitat lilu. Ħadd ma obbligah jagħmel dan, anzi x'aktarx li għazel din it-triq bit-tama li jibbenefika minn piena mnaqqsa stante l-ammissjoni tiegħu.

**"Fis-sistema penali taghna hadd m'huwa obbligat illi jammetti l-htija tieghu kemm jekk hu akkuzat quddiem il-Qrati tal-Magistrati, kif ukoll jekk permezz ta' Att ta' Akkuza quddiem l-Onorabbli Qorti Kriminali. Is-sistema legali taghna mhux biss tipprovdi ghal protezzjoni ta' l-akkuzat billi fl-ewwel lok tipprezumih innocenti sakemm misjub hati, imma taghmilha tassattiva li jekk ikun jixtieq ikun difiz permezz ta' avukat li jaghzel hu, li jekk m'ghandux mezzi biex jipprokura avukat dan jigi provdut lilu, u li, anke jekk wara li jinqrawlu l-akkuzi migjuba kontrih huwa jiddeciedi li jammetti, il-Qorti li tkun ma tistax tghaddi biex tirregistra l-ammissjoni ta' htija qabel ma twissih serjament dwar il-konsegwenzi li ggorr maghha tali ammissjoni, tispjegalu dak li hu necessarju li jigi spjegat, u ttih zmien wara li tistiednu biex jahsibha mill-gdid biex jara jekk iridx isostni l-ammissjoni tieghu jew jekk jippreferix illi jirtira dik l-ammissjoni u jikkontesta l-akkuzi migjuba kontrih, in toto jew in parte. Dan kollu qieghed fil-Kodici Kriminali ghaliex il-gustizzja hekk tirrikjedi, u certament id-disposizzjonijiet relativi jezistu fil-Kodici Kriminali taghna biex tigi tutelata l-gustizzja fil-process kriminali u anke d-drittijiet ta' l-akkuzat. Kif inghad l-akkuzat li jkun huwa liberu li jirrispondi jekk hux hati jew le ghall-akkuzi migjuba kontrih, u anke li ma jirrispondix[3].**

**21**. Imma hekk kif huwa jirreġistra dik l-ammissjoni irid joqgħod għal dik il-piena li l-qorti jogħġobha teroga fil-konfront tiegħu. Issa huwa indubitat illi l-piena erogata mill-Qorti Kriminali kienet waħda li taqa' fil-parametri tal-liġi, bl-artikolu 22(2) u l-*proviso* (aa) tiegħu tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta ifassal il-piena tal-priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn erba' snin iżda mhux iżjed minn tletin sena u multa ta' mhux inqas minn elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax-il elf, erba' mija u tmienja u sittin euro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67), filwaqt li l-artikolu 492(1) tal-Kodiċi Kriminali f'każ ta' ammissjoni qabel ma jiġi

[3] Ir-Repubblika ta'Malta vs Carmel Attard deċiża fis-26 ta' April 2001

iffurmat il-ġuri, f'każijiet fejn hemm stabbilita il-piena tal-għomor, jistabilixxi il-piena tal-priġunerija għal żmien bejn tnax-il sena u erbgħin

sena priġunerija. Illi f'dan il-każ ma jridx jintesa illi, kif tajjeb stqarret il-Qorti Kriminali fis-sentenza tagħha, l-appellant kien misjub ħati ta' involviment f'importazzjoni u traffikar ta' droga kemm kokajina kif ukoll erojina f'iktar minn okkażżjoni waħda. Illi kuntrarjament għal dak li jipprova ipinġi l-appellant fid-difiża tiegħu billi jintenta jimminimiżża il-parteċipazzjoni u l-involviment tiegħu, huwa ma kienx xi komparteċipi f'din il-konġura kriminali b'mod innoċenti jew passiv. Kien lest li jindaħal biex jassisti lill-imħuħ wara din il-konġura kriminali meta wieħed minnhom ma setax ikompli jmexxi dan in-negozju illeċitu għaliex kien jinsab inkarċerat, tant illi saħansitra l-appellant kien iżuru ġewwa l-ħabs fejn minn hemmhekk huwa kien jirċevi struzzjonijiet dwar kif kellu jimxi sabiex jassistih fl-importazzjoni tad-droga. Mhux biss kien hu li stabbilixxa il-kuntatt mal-fornitur, iżda kien anke qed jieħu l-iżbriga sabiex jassistih fit-traffikar tad-droga hekk importata. Kien il-*mano lunga* tal-mandant u kien allura qed jidħol fiż-żarbun tiegħu.

**22**. Illi għalkemm ir-Raba Skeda għall-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta kienet imfassla mil-leġislatur sabiex jkun determinat quddiem liema qorti persuna akkużata b'reati kontra l-Ordinanza kellha tkun aġġudikata, madanakollu dawn il-kriterji huma imfassla fuq linja gwida dwar sentenzjar maħruġa mid-*Drug Offences Definitive Guidelines* tas-*Sentencing Council* fl-Ingilterra u Wales. Il-konsiderazzjoni ewlenija imfassla f'dawn il-kriterji hija dik dwar "il-ħsara jew il-ħsara potenzjali ikkawżata mir-reat li bih tkun ġiet akkużata" fejn din "għandha tkun il-konsiderazzjoni prinċipali". Il-kwantita' tad-droga u l-purita' tagħha huma ukoll konsiderazzjonijiet oħra abbinati mar-rwol li l-akkużat kellu fil-kummissjoni tar-reat fejn f'dan l-aħħar kriterju imsemmi "għandha issir distinzjoni bejn dawk il-persuni li kellhom rwol prinċipali, rwol

sinjifikattiv jew rwol iżgħar fit-twettiq tar-reat." Issa minn daqqa t'għajn lejn dawn il-kriterji rigwardanti ir-rwol tal-persuna akkużata jidher illi fil-każ tal-appellant iktar japplikaw fil-konfront tiegħu dawk il-kriterji marbuta ma' persuna li għandha rwol sinjifikanti, jekk mhux prinċipali,

milli dik il-persuna li għandha rwol iżgħar u dan għaliex kif ingħad huwa daħal fiż-żarbun tal-moħħ wara din il-konġura kriminali billi beda jieħu ħsieb imexxi din l-operazzjoni hu, għalkemm fuq struzzjonijiet mill-mandant tiegħu, billi jiltaqa' mal-fornitur, jieħu ħsieb jirċevi hu personali l-importazzjoni tad-droga u jassisti wkoll f'*onward trafficking* ta'l-istess.

**23**. Illi allura din il-Qorti ma tista ssib xejn x'tiċċensura fid-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali li, kif ingħad, ħadet in konsiderazzjoni il-fattispeċje tal-każ, is-sottomissjonijiet magħmula kemm mid-difiża kif ukoll mill-Avukat Ġenerali, u anke daħħlet biex tagħmel komparazzjoni u tqabbil, għalkemm ma kenitx tenuta tagħmel dan, ma' kawżi simili fir-rigward ta' ammont ta' droga, il-parteċipazzjoni tal-persuna akkużata fil-kummissjoni tar-reat, u fatturi attenwanti jew aggravanti għal-piena.

**24**. Illi l-appellant ma jilmentax illi l-piena erogata hija waħda li taqa' 'il barra mill-parametri dettati mil-liġi, iżda jilmenta li din kienet esaġerata u sproporzjonata għal fattispeċje tal-każ. Illi fuq kollox l-argumenti li jqanqal fl-aggravju minnu ntentat ittieħdu kollha in konsiderazzjoni mill-Qorti Kriminali meta din wasslet biex teroga il-piena. Jikkontendi illi l-Qorti Kriminali ma qisietx l-aspett riformattiv u rijabilitattiv tal-piena billi tagħti opportunita' lill-appellant jirrintegra ruħu fis-soċjeta. Illi jibda biex jingħad illi ma jfissirx illi l-fatt illi l-appellant huwa inkarċerat b'daqshekk ma huwiex ser jingħata l-għajnuna kollha li id-direzzjoni tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin jidhrilha li jistħoqqlu. L-appellant, madanakollu, qed

iħares lejn il-kalibrazzjoni tal-piena mill-ottika personali tiegħu, u mhux minn dik tas-soċjeta in ġenerali fejn il-Qorti hija tenuta, meta tiġi biex teroga il-piena idonja, li toħloq bilanċ bejn l-aspett reformattiv tal-ħati u l-aspett retributtiv u ta' deterrent, speċjalment meta ir-reat iwassal għal ħsara potenzjali konsideveroli bħal fil-każ odjern fejn kwantita' ta' droga b'purita' għolja ferm, kwazi b'purita' assoluta, tista' issarraf f'traffikar

sostanzjali ta' ammont ferm ikbar ta' droga minn dik attwalment importata. Illi kif sewwa ġie ritenut fis-sentenza taghha tad-19 ta' Frar 2004 fl-ismijiet "Ir-Repubblika ta' Malta v. Basam Mohamed Gaballa Ben Khial" din il-Qorti diversament komposta rrimarkat illi :-

**"fejn si tratta ta' traffikar tad-droga (inkluża importazzjoni) l-element tad-deterrent ġenerali fil-piena hija konsiderazzjoni ewlenija li kull Qorti ta' Ġustizzja Kriminali għandha żżomm f'moħha fil-għoti tal-piena, basta, s'intendi, li jkun hemm element ta' proporzjonalita` bejn il-fattispeċi partikolari tal-każ u l-piena erogata"**

**25**. Illi l-appellant jipprova ukoll jagħmel paraguni ma' deċizjonijiet simili mogħtija minn din il-Qorti. Il-Qorti ttenni għal darb'oħra li dawn il-paraguni huma ferm odjużi, iktar u iktar meta mhux biss il-fattispeċje tal-każijiet huma differenti, iżda ukoll fejn anke l-akkużi jistgħu jkunu inqas jew aktar minn dawk li dwarhom l-ġudikabbli jinsab mixli bihom, bl-akkużat, fil-kaz iċċitat mill-appellant ta' "Darren Charles Desira" jiġi mixli u misjub ħati unikament ta' żewġ kapi fl-Att t' Akkuża marbuta mar-reat ta' assocjazzjoni u importazzjoni ta' droga. L-appellant minn naħa l-oħra kien mixli bl-importazzjoni u traffikar ta' żewġ konsenji droga konsistenti fid-droga kokajina u erojina, kif ukoll ta'assoċjazzjoni ma' terzi persuni biex dan iseħħ, u finalment ukoll bir-reat ta' falsifikazzjoni.

**26.** Illi allura magħmula dawn il-konsiderazzjoni hija l-fehma ta' din il-Qorti illi il-piena erogata mill-Qorti Kriminali hija waħda ġusta u ma tista' issib ebda motiv li jista' iwassalha titbiegħed mill-istess.

**27. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha**.

**S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti**

**Onor. Imħallef Edwina Grima**

**Onor. Imħallef Giovanni M. Grixti**